# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar s-26 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 550/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**MAV**

**Vs**

**SV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MAV datat 15 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elf disgha mija u disghin (1990) (ara certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A)*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, bl-isem ta' MV, nhar it-tmintax X li llum ghandu X sena.*

3. *Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-paritjiet huma de jure separati in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) in atti tan-Nutar Dr. Keith Calleja (ara kuntratt hawn anness u mmarkat Dok. B);*
   ii. *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum-il gurnata qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

iii. *Illi ai termini tal-klawzola numru tlieta (3) tal-imsemmi kuntrattt il-partijiet iddekadew u irrinunzjaw ghall-obbligu tal-manteniment reciproku u, ghalhekk, l-ebda manteniment m'hu dovut f'dan ir-rigward;*

iv. *Illi peress li t-tifel huwa maggorenni m'hemmx obbligu ta' manteniment u lanqas hemm pendenzi;*

4. *Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N(1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f'Malta;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-ARtikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-partijiet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elf disgha mija u disghin (1990);*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SV datata 23 ta' Gunju 2022, a fol 24 li taqra hekk:

1. *Illi l-intimat jabqel mat-talbiet tar-rikorrenti u cioe' li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u dana ai termini ta' artikoli 66B, 66C u kif ukoll artikolu 66N(1)(a) u (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi in oltre, l-istess intimat qieghed jipprezenta l-affidavit tieghu li jinsab hawn esebit u mmarkat bhala Dok. KG1'*

3. *Illi, ghar-ragunijiet suesposti l-intimat jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti ghat-talbiet kollha tar-rikorrenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MAV xehdet** (vide affidavit fol 11) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-21 ta' April 1990 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Marzu 2015 fl-atti tan- Nutar Dr Keith Calleja. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostniet illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**SV xehed** (vide fol 14) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li***

***jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' April 1990, liema zwieg jgib certifikat numru 457/1990 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Keith Calleja nhar l-4 ta' Marzu 2015 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 457/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**